



**Kunsill
tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 11 ta' Marzu 2026
(OR. en)**

06708/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0900(APP)**

**AG 34
INST 64
PE 29
JUR 165
FREMP 69**

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2026/...

ta' ...

**li temenda l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni
tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett,
anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976**

Il-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 223(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Parlament Ewropew,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxi f'konformità mal-proċedura leġislattiva speċjali,

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Jenħtieġ li l-politiki relatati mal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jikkontribwixxu biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri permezz tal-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-ommijiet fil-politika.
- (2) L-introduzzjoni ta' sistema ta' votazzjoni bi prokura fis-sessjonijiet plenarji tal-Parlament Ewropew ser tippermetti lill-membri jeżerċitaw bis-sħiħ il-mandati tagħhom fil-perjodi immedjatament qabel u wara li jwelldu.
- (3) L-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b' suffraġju universali dirett², anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom³ jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² ĠU L 278, 8.10.1976, p. 5, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/1976/787\(2\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/1976/787(2)/oj).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 (ĠU L 278, 8.10.1976, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/1976/787\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/1976/787(1)/oj)).

Artikolu 1

Fl-Artikolu 6 tal-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

- “1a. B'deroga mill-paragrafu 1, membru tal-Parlament Ewropew li tkun tqila jew li tkun welldet tista' tiddelega l-vot tagħha lil membru tal-Parlament Ewropew ieħor għal perjodu massimu ta' tliet xhur qabel id-data stimata tat-twelid tat-tarbija u għal perjodu massimu ta' sitt xhur wara li tkun welldet.
- 1b. Il-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw id-deroga prevista fil-paragrafu 1a għandhom ikunu stabbiliti fl-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew adottati bid-Deċiżjoni 2005/684/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew* u għandhom jiżguraw l-konformità mal-prinċipji tat-trasparenza, ir-responsabbiltà, it-traċċabbiltà, iċ-ċertezza legali u l-integrità tal-vot.
- 1c. L-arranġamenti dettaljati għad-derogaprevista fil-paragrafu 1a għandhom jiġu stabbiliti fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew.

* Id-Deċiżjoni 2005/684/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Settembru 2005 li tadotta l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew (ĠU L 262, 7.10.2005, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2005/684/oj>).”.

Artikolu 2

1. Din id-Deċiżjoni għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni mill-Istati Membri f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill bit-tlestija tal-proċeduri tiegħu meħtieġa għal dak il-għan.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara d-data li fiha tkun ġiet riċevuta l-aħħar notifika msemmija fil-paragrafu 1.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
